Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Awwissu 2020**
**(OR. en)**

**10094/20**
**ADD 1**

**PUBLIC 58**
**INF 149**

**NOTA**

| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - LULJU 2020 |
|---|---|

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Lulju 2020.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġiżlattivi, inkluż id-data tal-adozzjoni.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:
Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Ta' min wieħed jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'LULJU 2020 | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-7 ta' Lulju 2020** | **CM 2934/20** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill *dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/984 tas-7 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)<br>ĠU L 222, 10.7.2020, p. 4-6 | 8928/19 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet relatati mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.<br>F'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (għall-2019 sal-2024), il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill emenda l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE billi bidilha bl-Artikolu 43 (mingħajr ma semma l-paragrafu) u għalhekk qed iżżomm mal-proposta inizjali tagħha. | 8753/20 ADD1 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-7 ta' Lulju 2020** | **CM 2935/20** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/983 tas-7 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)<br>ĠU L 222, 10.7.2020, p. 1-3 | 8662/1/19 REV1 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni** | 6707/20 ADD1 |
| Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet relatati mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.<br>Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024), il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma ssemmi l-paragrafu), u għalhekk qed iżżomm mal-proposta inizjali tagħha. | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-7 ta' Lulju 2020** | **CM 2937/20** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill *dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/985 tas-7 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea<br>ĠU L 222, 10.7.2020, p. 7-9 | 12199/19 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni** | |
| Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet relatati mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.<br><br>Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu), u għalhekk qed iżżomm mal-proposta inizjali tagħha. | 6742/20 ADD1 |

| | |
|---|---|
| *Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka (verżjoni bil-lingwa Irlandiża)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra | 13419/16 |
| **Dikjarazzjoni minn Spanja** | |
| Spanja tiddikjara b'dan li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranità li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-Ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx għadha tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data, ma baqgħetx tqis li kien aċċettabbli li tkompli tagħmel referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġiżlazzjoni ġdida. | 9824/20 ADD 1 |
| *Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2020*<br>Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2020 għal kull Stat Membru, li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati | 8449/5/20 REV5 |

| **Dikjarazzjoni mill-Polonja** | |
|---|---|
| "1. Il-Polonja tixtieq tastjeni milli tivvota dwar l-approvazzjoni tal-kontribut dwar aspetti ekonomiċi/finanzjarji u dawk relatati mal-MIP tal-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2020 lil kull Stat Membru, li jagħtu l-Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati;<br>2. Il-Polonja ma tappoġġax parti mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 (CSR) fejn il-Kummissjoni tagħti parir sabiex "Ittejjeb il-klima tal-investiment, b'mod partikolari billi tissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja";<br>3. Fl-opinjoni tagħna ma hemm l-ebda evidenza ta' xi impatt negattiv ta' bidliet fis-sistema ġudizzjarja fuq il-klima ta' investiment fil-Polonja;<br>4. Sa mill-2017, meta l-Kummissjoni ddeċidiet għall-ewwel darba li tallinja ċ-ċertezza legali, il-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà ta' regolamentazzjoni mal-klima ta' investiment, il-Polonja rreġistrat żieda kostanti kemm fl-investiment pubbliku kif ukoll dak privat (madwar 22 fil-mija għal dawn l-aħħar tliet snin);<br>5. Il-Polonja introduċiet ħafna bidliet favorevoli importanti għall-investiment u l-ambjent tan-negozju. It-titjib fil-prestazzjoni tal-investiment ġie kkonfermat ukoll mill-Kummissjoni fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2020 għall-Polonja iżda minkejja dan il-Kummissjoni ddeċidiet li ssaħħaħ din il-kwistjoni fis-CSR4;<br>6. Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-premessa 25, uħud mill-proċedimenti tal-QĠUE huma pendenti flimkien ma' dibattitu dwar l-ambitu tal-awtorità tal-QĠUE fuq kwistjonijiet li jappartjenu għall-ambitu ta' kompetenza tal-Istati Membri, jiġifieri l-organizzazzjoni tal-ġudikatura. S'issa, il-Polonja tikkonforma mal-linji gwida tal-QĠUE, għalhekk ma narawx raġuni biex nissottolinjaw il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata ulterjorment l-indipendenza tal-ġudikatura;<br>7. Nixtiequ nenfasizzaw l-importanza tas-Semestru Ewropew bħala qafas għal koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika fl-Ewropa. Dan il-proċess ekonomiku għandu jkun ibbażat fuq il-fatti u ċ-ċifri. Inkella jista' jkollna dikjarazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet mingħajr ebda bażi ekonomika u minflok ma nsaħħu din l-għodda importanti ta' koordinazzjoni nkunu qed indgħajfu l-effikaċja tagħha. Aħna enfasizzajna wkoll li s-Semestru Ewropew ma għandux jidduplika proċeduri oħra tal-UE." | 9824/20 ADD 1 |
| *Semestru Ewropew 2020 – Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2020/C 243/01<br>ĠU C 243, 23.7.2020, p. 1–7 | 6301/20 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni minn Malta** | |
| "1. Aħna nappoġġaw il-ħidma tal-UE u tal-OECD fit-tnaqqis tal-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;<br>2. Aħna nappoġġaw ukoll is-sejba ta' soluzzjoni bbażata fuq kunsens fl-OECD IF dwar il-BEPS fir-rigward tar-riformi tat-taxxa internazzjonali li għaddejjin bħalissa dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija;<br>3. Madankollu aħna ninsabu mħassba li l-formulazzjoni użata fir-Rakkomandazzjoni EAR 2 ta' din is-sena tmur lil hinn mill-parametri magħrufa fit-tassazzjoni internazzjonali;<br>4. Malta hija tal-fehma li l-kliem li hemm fiha ("... ġirja lejn l-aktar livell baxx...") huwa ambigwu fin-natura tiegħu u donnu jimplika li livelli aktar baxxi ta' tassazzjoni huma fihom infushom dannużi jew abbużivi;<br>5. Malta ma taqbilx ma' din il-fehma. Malta hija tal-fehma li l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa hija ta' tħassib biss jekk tkun ta' "ħsara" fin-natura tagħha, li l-parametri tagħha jiġu identifikati fil-ħidma tal-UE u dik internazzjonali dwar prattiki tat-taxxa dannużi;<br>6. Ta' min ifakkar ukoll li l-iffissar ta' livelli ta' tassazzjoni huwa aspett inerenti tas-sovranità ta' pajjiż;<br>7. It-tħassib tagħna dwar dak li t-tali dikjarazzjoni fir-Rakkomandazzjoni 2 hija maħsuba li tfisser fil-prattika (bil-ħsieb li tali Rakkomandazzjoni tiġi indirizzata) ma ġewx indirizzati qabel l-adozzjoni tagħha;<br>8. Ir-Rakkomandazzjoni tal-EAR hija prematura minħabba l-approċċ ta' "bla preġudizzju" li ġie adottat għall-ħidma li għaddejja bħalissa fil-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS;<br>9. Konsegwentement, Malta qed tastjeni milli tadotta din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill." | 9824/20 ADD 1 |
| **It-3765 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fit-13 ta' Lulju 2020** (Minuti: 9649/20) | |
| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
| *Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2020-2022*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022 | 9177/20 |

| **Dikjarazzjoni mill-Bulgarija** | 9177/20 ADD 1 |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Bulgarija dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2022 -2020(paragrafu 19)**<br>Il-Bulgarija ttenni l-pożizzjoni nazzjonali tagħha dwar il-kunċett ta' 'identità tal-ġeneru' fil-kuntest tal-*Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul)* tal-Kunsill tal-Ewropa kif ġej:<br>Il-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni. Il-pajjiż żviluppa leġiżlazzjoni nazzjonali qawwija dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. Kompla wkoll bl-isforzi tiegħu dwar l-adozzjoni ta' miżuri u politiki għas-soluzzjoni tal-isfidi eżistenti.<br>Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-*Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul)* tal-Kunsill tal-Ewropa tippromwovi kunċetti legali li huma inkompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Għalhekk, skont id-deċiżjoni msemmija tal-Qorti Kostituzzjonali Bulgara, il-Bulgarija ma tistax taċċetta t-terminu 'identità tal-ġeneru'.<br>Il-Bulgarija ma tittollerax u tiġġieled id-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imniżżla fil-konvenzjonijiet stabbiliti internazzjonalment u adottati b'mod wiesa' dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-fora tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll dawk minquxa fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Madankollu, id-dokumenti ewlenin bħalma huma l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna ma jinkludux referenza legalment vinkolanti għall-'identità tal-ġeneru'.<br>Dan ta' hawn fuq jirrappreżenta l-pożizzjoni tal-Bulgarija dwar il-kwistjonijiet kollha marbuta mar-ratifika tal-*Konvenzjoni ta' Istanbul* mill-pajjiż u l-użu tal-kunċett ta' '*identità tal-ġeneru*' f'dan il-kuntest. | |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija** | 9177/20 ADD 2 |
| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija għall-minuti tal-Kunsill dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2020-2022**<br>Fid-dawl tal-presidenza li jmiss tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fl-2021, l-Ungerija tilqa' l-ftehim dwar il-Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022. Dan id-dokument jistabbilixxi t-triq li fiha ż-żewġ organizzazzjonijiet jistgħu jaħdmu flimkien, filwaqt li jsir kull sforz biex jiġu evitati duplikazzjonijiet bla bżonn.<br>L-Ungerija tibqa' ddedikata għall-impenji tagħha għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-oqsma speċifiċi ttrattati fid-dokument u biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Madankollu, irridu nissottolinjaw li l-Assemblea Nazzjonali Ungeriża ddeċidiet li ma tinkludix fis-sistema legali nazzjonali Ungeriża l-kunċett tal-ġeneru jew l-approċċ ibbażat fuq il-ġeneru tal-Konvenzjoni ta' Istanbul.<br>Għalhekk, f'konformità mad-dikjarazzjoni rilevanti tal-Assemblea Nazzjonali Ungeriża, aħna nirriżervaw id-dritt li ma tiġix rikonoxxuta l-forza vinkolanti tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u naffermaw mill-ġdid li l-Ungerija mhux ser tappoġġa jew tippromwovi r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Unjoni Ewropea. | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-16 ta' Lulju 2020** | **CM 3084/20** |
| *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1052 tas-16 ta' Lulju 2020 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni<br>ĠU L 230, 17.7.2020, p. 26-28 | 9596/20 |

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

S. R.

MINISTÉRIO DOS NEGÓCIOS ESTRANGEIROS
Direção-Geral dos Assuntos Europeus

DECLARAÇÃO DE PORTUGAL

Portugal mantém a posição de princípio segundo a qual a reabertura das fronteiras internas deveria anteceder quaisquer decisões sobre o levantamento das restrições às viagens não essenciais para a União Europeia, de que a adoção da Recomendação (UE) 2020/912 do Conselho constituiu um exemplo.

Relativamente à Recomendação (UE) 2020/912 do Conselho, Portugal continua e entender que a aplicação dos critérios nela inscritos permitiriam o levantamento de restrições a países terceiros que não constam da atual lista de países e cujos residentes não deveriam ser afetados pela restrição temporária das viagens não indispensáveis para a União Europeia.

O Diretor-Geral dos Assuntos Europeus

Rui Vinhas

Palácio da Cova da Moura, Rua da Cova da Moura, 1
1350-115 Lisboa
Telefone: (00 351) 21 393 55 00 Fax: (00 351) 21 395 45 39/40/41/42

| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-28 ta' Lulju 2020** | **CM 3203/20** |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew | ST 14830/19 + REV1 |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija, l-Estonja, il-Lussemburgu u n-Netherlands** | |
| **Dikjarazzjoni dwar il-ħatra ta' Prosekuturi Ewropej**<br>Ir-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi t-twaqqif ta' bord tal-għażla magħmul minn 12-il persuna li mingħajr dubju jkollhom l-esperjenza meħtieġa biex jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-kandidati u biex jistabbilixxu klassifikazzjoni ta' dawk il-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom.<br>L-involviment ta' bord tal-għażla indipendenti, b'kompożizzjoni internazzjonali u b'regoli operattivi maqbula b'mod komuni, jagħti leġittimità speċifika lill-proċedura ta' ħatra tat-22 Prosekutur Ewropew. L-għan li jitwaqqaf dan il-bord huwa li tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fil-proċess tal-għażla tal-Prosekuturi Ewropej kollha.<br>Din il-fiduċja ma għandhiex tiddgħajjef fis-snin li ġejjin.<br>Il-bordijiet tal-għażla nazzjonali għandhom rwol importanti fil-valutazzjoni ta' għadd kbir ta' applikazzjonijiet u fid-determinazzjoni tat-tliet kandidati l-aktar kwalifikati li kull Stat Membru għandu jinnomina għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Ewropew. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tiġi evitata kompetizzjoni bejn il-klassifikazzjonijiet tal-bordijiet tal-għażla nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-bord tal-għażla Ewropew, bir-riskju li jitnaqqas il-komponent Ewropew tal-proċedura ta' ħatra.<br>Huwa minnu li, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, meta jagħżel u jaħtar il-kandidati għall-Prosekuturi Ewropej, il-Kunsill għandu diskrezzjoni u mhuwiex marbut bil-klassifikazzjoni tal-kandidati stabbilita mill-bord tal-għażla Ewropew.<br>Madankollu, sitwazzjoni fejn kull Stat Membru parteċipanti jsegwi esklużivament il-klassifikazzjoni tal-bord nazzjonali tiegħu, fejn tali klassifikazzjoni tkun teżisti, ikun ta' detriment għal-leġittimità tal-bord tal-għażla Ewropew fi proċess li jikkonċerna korp li huwa, wara kollox, korp tal-Unjoni Ewropea.<br>Ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1939 għandu jinkludi sejbiet dwar l-effikaċja u n-nuqqasijiet possibbli ta' dan il-proċess ta' għażla, u jekk ikun hemm bżonn, għandu jissuġġerixxi emendi li jkollhom l-għan li jtejbu l-proċedura. | |